**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta’ nhar il-Gimgha, 25 ta’ Jannar, 2002

**Numru 10**

**Avviz numru 1528/01JR**

**Maltacom plc**

**vs**

**Monique Borg**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta’ Novembru, 2001, fejn intalab il-hlas ta’ tlett mija sitta u erbghin lira Maltija u disghin centezmu (Lm346.90), rapprezentanti ammonti arretrati dovuti lill-istess socjeta` attrici in konnessjoni mas-servizz tat-telefon numru 248773 (Dok.A) u dan wara t-talba taghha ghall-installazzjoni ta’ linja tat-telefon (Dok.B);**

**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mill-5 ta' Settembru, 2000 sad-data ta' l-effettiv pagament kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma dehret.**

**Semgha x-xhieda tal-P.L. Noel Scerri ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub fl-avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett mija sitta u erbghin lira Maltija u disghin centezmu (Lm346.90), bl-imghaxijiet legali mill-5 ta' Settembru, 2000.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**